REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/104

tat-12 ta' Jannar 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar wara li ġie adottat rapport mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 16 tiegħu,

Billi:

Sfond

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 ([3]) ("ir-Regolament Proviżorju"), il-Kummissjoni imponiet miżura ta' salvagwardja proviżorja fuq ċerti prodotti tal-azzar. Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 ([4]) ("ir-Regolament Definittiv"), il-Kummissjoni Ewropea imponiet miżura ta' salvagwardja definittiva fuq ċerti prodotti tal-azzar ("il-miżura ta' salvagwardja").

(2) Fit-13 ta' Marzu 2020, it-Turkija talbet konsultazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 1 u 4 tal-Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim ("DSU"), l-Artikolu XXIII:1 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT 1994), u l-Artikolu 14 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

(3) Il-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija saru fid-29 ta' April 2020 iżda ma solvewx it-tilwima.

(4) Fis-16 ta' Lulju 2020, it-Turkija talbet l-istabbiliment ta' bord. Ġie stabbilit bord fit-28 ta' Awwissu 2020. Ir-rapport tal-Bord ġie ċċirkolat fid-29 ta' April 2022. Peress li l-ebda waħda mill-partijiet ma appellat ir-rapport tal-bord, dan ġie adottat mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (iktar 'il quddiem id-"DSB") fil-31 ta' Mejju 2022 ([5]).

(5) Permezz ta' komunikazzjoni lid-WTO tal-5 ta' Awwissu 2022 ([6]), it-Turkija u l-Unjoni Ewropea infurmaw li, skont l-Artikolu 21.3(b) tal-Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim, huma kienu qablu li l-perjodu raġonevoli ta' żmien għall-Unjoni Ewropea biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tad-DSB fit-tilwima Unjoni Ewropea — Miżuri ta' Salvagwardja fuq Ċerti Prodotti tal-Azzar (DS595) se jiskadi fis-16 ta' Jannar 2023, li huwa ta' seba' xhur u sittax-il jum mid-data tal-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tad-DSB fil-31 ta' Mejju 2022.

(6) Bħala riżultat ta' dawn l-avvenimenti, fl-24 ta' Awwissu 2022 il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu ([7]) li tinforma bl-intenzjoni tagħha li timplimenta r-Rapport tal-Bord billi ġġib il-miżura oriġinali f'konformità mar-regoli tad-WTO f'dawk il-każijiet fejn il-Bord kien sab inkonsistenzi, u tistieden lill-partijiet interessati jissottomettu kummenti.

(7) Diversi partijiet ippreżentaw kummenti sal-iskadenza stipulata, li tqiesu kif xieraq.

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 181, 18.7.2018, p. 39).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).
([5]) WT/DS595/R *Unjoni Ewropea — Miżuri ta' Salvagwardja fuq Ċerti Prodotti tal-Azzar,* 29 ta' April 2022.
([6]) WT/DS595/13, 9 ta' Awwissu 2022.
([7]) ĠU C 320, 24.8.2022, p. 47.

Osservazzjonijiet tal-partijiet interessati

(8) Diversi partijiet interessati ssottomettew kummenti wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu. Bħala osservazzjoni preliminari, il-Kummissjoni nnotat li xi wħud mill-kummenti li saru mill-partijiet interessati kienu sempliċiment ripetizzjonijiet tas-sejbiet tal-Bord.

(9) Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat il-kummenti speċifiċi mill-Gvern tat-Turkija, peress li kien il-parti li tikkontesta l-miżura ta' salvagwardja quddiem id-DSB tad-WTO, u mbagħad analizzat il-kummenti sottomessi mill-partijiet interessati l-oħra.

(10) Rigward l-iżviluppi mhux previsti, il-Gvern tat-Turkija sostna li ma hemm l-ebda evidenza fir-rekord li tippermetti lill-Kummissjoni torbot l-iżviluppi mhux previsti maż-żieda fl-importazzjonijiet. Huwa nnota li kien hemm nuqqas ta' koinċidenza fiż-żmien bejn il-kapaċità żejda u ż-żieda fl-importazzjonijiet, li l-Kummissjoni ma għamlitx l-eżami meħtieġ tal-miżuri ta' rimedju kummerċjali f'pajjiżi terzi u r-rabta tagħhom maż-żieda fl-importazzjonijiet, u li t-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ġiet introdotta wara li seħħet iż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni. Qal ukoll li jekk il-Kummissjoni kellha tuża informazzjoni ġdida, jenħtieġ li tikkunsidra wkoll il-bidliet fil-kundizzjonijiet li seħħew matul il-perjodu ta' żmien li fih il-miżura kienet fis-seħħ, bħall-esklużjoni ta' diversi pajjiżi inkluż l-UE nnifisha mill-miżuri tat-Taqsima 232.

(11) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-fehmiet tal-Gvern tat-Turkija li dan l-aspett tal-miżura ma setax jissewwa. Kif muri fid-dettall fit-Taqsima 1.1 tal-Anness, kien hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli qabel l-impożizzjoni tas-salvagwardja definittiva li wriet b'mod ċar li l-importazzjonijiet fl-Unjoni kienu żdiedu b'riżultat ta' żviluppi mhux previsti. Il-Kummissjoni ma użat l-ebda *data* li ma kinitx disponibbli fiż-żmien tal-impożizzjoni tal-miżura definittiva għall-fini tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

(12) Rigward is-sejbiet li jappartjenu għat-theddida ta' dannu serju, il-Gvern tat-Turkija kkunsidra li l-miżuri anti-dumping u kumpensatorji ma setgħux ikunu r-raġuni tal-irkupru tal-industrija domestika. Fir-rigward tal-fatturi l-oħra li l-Kummissjoni kienet ibbażat fuqhom biex tispjega t-titjib parzjali tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2017, il-Gvern tat-Turkija nnota li l-Bord kien ikkonkluda li dawk il-fatturi affettwaw l-industrija domestika u l-importazzjonijiet b'modi simili u għalhekk ma setgħux jintużaw bħala spjegazzjoni ta' tali titjib u li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li turi li l-bidliet f'dawn il-fatturi kienu se jkunu ta' benefiċċju għall-importazzjonijiet aktar milli għall-industrija domestika.

(13) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet għas-sejbiet tagħha fit-taqsimiet 1.2.1 u 1.2.2 tal-Anness li jikkontradixxu l-argumentazzjoni tal-Gvern tat-Turkija.

(14) Fl-aħħar nett, il-Gvern tat-Turkija nnota li l-Bord kien ikkonkluda li anki jekk l-importazzjonijiet kellhom jiżdiedu fl-2018, dan ma jwassalx awtomatikament għall-konklużjoni li hemm ħsara ġenerali sinifikanti fil-pożizzjoni tal-industrija domestika, li hija imminenti b'mod ċar.

(15) F'dan ir-rigward il-Kummissjoni wriet fl-Anness ta' dan ir-Regolament l-elementi kollha li qieset biex tiddetermina li: i) l-importazzjonijiet x'aktarx li se jkomplu jiżdiedu; ii) tali żieda jkollha effetti negattivi fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni fid-dawl tal-iżviluppi reċenti u futuri mistennija ta' fatturi ewlenin fis-suq tal-azzar fl-Unjoni u madwar id-dinja. Għalhekk, l-analiżi sostantiva mwettqa mill-Kummissjoni ma assumietx li, fin-nuqqas ta' miżura ta' salvagwardja, żieda fl-importazzjonijiet, fiha nnifisha u mingħajr ma jitqiesu elementi pertinenti oħra, tikkawża dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. Minflok, il-Kummissjoni wettqet analiżi dettaljata tal-elementi rilevanti li wassluha biex tasal għall-konklużjoni li, jekk ma tiġi adottata l-ebda miżura, l-industrija tal-Unjoni ġġarrab dannu serju. Għalhekk, l-affermazzjonijiet tal-Gvern tat-Turkija ġew miċħuda.

(16) Fir-rigward tal-kummenti li waslu mingħand partijiet interessati oħra, xi wħud minnhom argumentaw li l-Kummissjoni għandha ttemm il-miżura għalkollox minħabba li s-sejbiet tal-Bord kienu ta' tali natura li għamluha impossibbli li l-miżura tiġi implimentata b'mod differenti.

(17) Fir-rigward ta' din l-affermazzjoni ġenerali, il-Kummissjoni nnotat li skont ir-regoli tad-WTO hija għandha d-dritt li timplimenta l-miżura u trendiha konformi mar-regoli f'dawk il-ftit aspetti li l-Bord sab li kienu inkonsistenti magħhom. Kif muri fl-Anness ta' dan ir-Regolament, is-sejbiet tal-Bord kienu ta' tip ta' natura li ppermettew lill-Kummissjoni ġġib il-miżura f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-WTO u, għalhekk, it-terminazzjoni tal-miżura ma kinitx iġġustifikata bħala riżultat tar-Rapport tal-Bord.

Żieda fl-importazzjonijiet b'riżultat ta' żviluppi mhux previsti u effetti tal-obbligi

(18) Parti interessata nnotat li l-miżura skont it-Taqsima 232 tal-Istati Uniti kienet inbidlet b'diversi modi u li r-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali ma kienx għadu jeżisti jew hu ħafna iżgħar, u b'hekk il-miżura ta' salvagwardja jenħtieġ li tintemm.

(19) Il-Kummissjoni nnotat li l-iżviluppi li seħħew wara l-impożizzjoni tal-miżura definittiva jaqgħu barra mill-ambitu tad-*data* li wieħed jista' joqgħod fuqha għall-implimentazzjoni tar-rapport tad-DSB. L-għan ta' din l-investigazzjoni, kif imsemmi fin-Notifika ta' Bidu huwa li tissupplimenta s-sejbiet oriġinali b'*data* diġà disponibbli fiż-żmien meta twettqet l-investigazzjoni oriġinali. Ma ġew ikkunsidrati l-ebda fatti *ex post*.

(20) Parti interessata ddikjarat li ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni ma seħħitx b'riżultat ta' xi wieħed mill-obbligi meħuda mill-Unjoni skont il-GATT tal-1994 u li l-Kummissjoni ma semmiet l-ebda wieħed minn dawn l-obbligi fid-determinazzjoni oriġinali tagħha.

(21) Il-Kummissjoni rreferiet għall-ispjegazzjonijiet tagħha fit-taqsima 1.3 tal-Anness, li jirribattu dan l-argument.

(22) Parti interessata qieset li ma kienx hemm żviluppi mhux previsti li rriżultaw f'żieda fl-importazzjonijiet, u minħabba dan il-Kummissjoni ma setgħetx timplimenta dan l-aspett tar-Rapport tal-Bord.

(23) Il-Kummissjoni nnotat li din id-dikjarazzjoni kienet fattwalment skorretta peress li l-Bord kien ikkonferma ([8]) l-iżviluppi mhux previsti deskritti mill-Kummissjoni fis-salvagwardja definittiva. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ġiet irrifjutata bħala waħda bla bażi.

(24) Parti interessata nnutat li r-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali u żieda fl-importazzjonijiet bħala riżultat tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ma kinux pertinenti għall-pajjiż tagħha għal għadd ta' raġunijiet.

(25) Il-Kummissjoni nnotat li l-analiżi ta' żieda fl-importazzjonijiet u r-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali ma saritx individwalment għal kull pajjiż esportatur iżda pjuttost, b'mod ġenerali, minħabba li l-miżura ta' salvagwardja għandha tiġi applikata *erga omnes*. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni riedet tirrimarka li din il-parti interessata kienet iffukata mhux biss fuq is-sitwazzjoni speċifika ta' pajjiż esportatur wieħed iżda wkoll fuq is-sitwazzjoni speċifika ta' industrija waħda li tuża l-azzar, u b'hekk injorat il-prestazzjoni minn dan il-pajjiż esportatur fis-segmenti l-oħra kollha li jużaw l-azzar. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

Theddida ta' dannu serju

(26) Xi partijiet interessati qiesu li s-sejbiet tal-Bord rigward dan l-aspett tal-miżura kienu ta' tali natura li ma ppermettewx lill-Kummissjoni timplimenta l-miżura mingħajr ma tirrevokaha.

(27) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dan it-tip ta' argumentazzjoni għar-raġunijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, fejn uriet li s-sejbiet oriġinali kienu validi u l-ġustifikazzjoni tagħhom issaħħet permezz tad-*data* u l-ispjegazzjonijiet addizzjonali pprovduti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(28) Xi partijiet interessati fakkru fis-sejba tal-Bord li l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rwol tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji fl-irkupru parzjali tal-industrija tal-Unjoni kienet vizzjata.

([8]) Ara r-Rapport tal-Bord, il-paragrafu 7.117.

(29) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-Bord ikkontesta l-ispjegazzjonijiet ipprovduti fir-regolament definittiv. Madankollu, l-għan tal-eżerċizzju ta' implimentazzjoni huwa preċiżament li jippermetti lill-awtorità investigattiva ttejjeb dawk l-aspetti tal-miżura li l-Bord qies li sa ċertu punt kienu vizzjati, bħal dik imsemmija minn dawn il-partijiet interessati. Għalhekk, il-Kummissjoni pprovdiet l-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet addizzjonali meħtieġa fit-Taqsima 1.2.2 tal-Anness sa fejn kienet ikkonċernata din is-sejba tal-Bord.

(30) Parti interessata argumentat li jekk il-Kummissjoni ma tirreferix b'mod espliċitu għal xi fatturi penalizzanti għas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, hija ma setgħetx tużahom fir-raġunament tagħha meta timplimenta l-miżura.

(31) Il-Kummissjoni nnotat li l-Bord kien ikkontesta l-livell ta' dettalji ta' xi aspetti tal-miżura oriġinali. Fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni ressqet dawk l-elementi li kienet ikkunsidrat meta adottat id-deċiżjoni oriġinali iżda li ma kinux elenkati fir-regolament definittiv. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-aċċettazzjoni tal-argumentazzjoni tal-parti interessata tkun tfisser li kull meta awtorità investigattiva tiġi kkundannata talli ma pprovdietx livell suffiċjenti ta' dettall fl-ispjegazzjonijiet jew fir-raġunament tagħha, hija ma jkunx jista' jkollha aktar l-opportunità li tirrimedjaha permezz tal-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma, peress li qieset li preċiżament l-iskop ta' implimentazzjoni huwa li awtorità investigattiva tkun tista' trendi l-miżura tagħha konformi, billi pereżempju tipprovdi raġunament aħjar u aktar komplet milli fir-regolament definittiv, peress li dawk kienu s-sejbiet mill-Bord. Għaldaqstant, hija ċaħdet l-argumentazzjoni.

(32) Xi partijiet interessati sostnew li s-sempliċi prospett ta' aktar żieda fl-importazzjonijiet mhux neċessarjament iwassal għal sitwazzjoni ta' dannu serju għall-produtturi tal-Unjoni.

(33) Il-Kummissjoni wettqet analiżi dettaljata ta' kif se sseħħ żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet u tar-raġunijiet għaliex tali żieda twassal għal sitwazzjoni ta' dannu serju għall-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, din l-argumentazzjoni ġiet miċħuda.

(34) Fl-aħħar nett, xi partijiet interessati ressqu argumenti bħall-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-snin wara l-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja jew żviluppi li seħħew wara tali avveniment, bħas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi oħra fid-dawl tal-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet jew il-"kriżi tal-enerġija".

(35) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet kollha peress li kienu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u temporali tal-eżerċizzju ta' implimentazzjoni, minħabba li kienu jikkonċernaw avvenimenti mhux relatati mal-impożizzjoni tal-miżura definittiva fil-bidu tal-2019.

(36) Għar-raġunijiet li jinsabu fl-Anness ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni qieset li implimentat bis-sħiħ id-deċiżjoni tad-WTO. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 jenħtieġ li jiġi emendat billi jiżdied ir-raġunament inkluż fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li jissupplimenta s-sejbiet li saru fl-investigazzjoni oriġinali.

(37) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament huwa miżjud bħala l-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/159.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta' Frar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS V

Attraenza tas-suq tal-Unjoni

(1) Fid-determinazzjoni oriġinali tagħha, il-Kummissjoni spjegat li s-suq tal-azzar tal-Unjoni kien attraenti għall-importazzjonijiet f'termini ta' daqs u prezzijiet ([1]). F'dan ir-rigward, skont id-*data* tal-OECD ([2]), fis-snin qabel il-bidu tal-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' miżura ta' salvagwardja, is-suq tal-Unjoni kien l-akbar territorju importatur f'termini ta' volumi, li jammontaw minn 13,8 % sa 18,4 % tas-sehem globali tal-importazzjonijiet matul dan il-perjodu.

(2) Minbarra l-volumi, is-suq tal-Unjoni kien attraenti ħafna wkoll f'termini ta' prezzijiet. Fil-fatt, analiżi tad-*data* rilevanti ([3]) wriet li l-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar lejn l-Unjoni kisbu, għal proporzjon kbir tal-esportazzjonijiet tagħhom (minn 46 % sa 78 % tal-kodiċijiet NM ikkonċernati), prezz ogħla fis-suq tal-Unjoni meta mqabbel mal-prezzijiet tal-esportazzjoni miksuba fi swieq terzi oħrajn għall-istess kodiċijiet NM. Għal dawn il-pajjiżi, is-suq tal-Unjoni kien jirrappreżenta wkoll sehem importanti mill-esportazzjonijiet tagħhom, billi huwa dak ewlieni jew fost id-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni tagħhom, li f'xi każijiet kien jilħaq sehem ta' aktar minn 25 % u saħansitra laħaq 32 % f'sena partikolari ([4]).

(3) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni ġiet ikkonfermata wkoll mill-fatt li filwaqt li l-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar ([5]) kienu qed inaqqsu l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, dawn kienu qed iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni b'pass mgħaġġel. B'mod partikolari, l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn minn dawn il-pajjiżi naqsu b'aktar minn 11-il miljun tunnellata (-8 %) fl-2018 ([6]) meta mqabbla mal-2017 ([7]). Min-naħa l-oħra, fl-istess perjodu, l-importazzjonijiet fl-Unjoni minn dawn l-oriġini żdiedu b'aktar minn tliet miljun tunnellata (+14 %) ([8]). Dawn ix-xejriet opposti wrew li filwaqt li l-importazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn naqsu b'mod ġenerali, f'kuntest ta' żieda fil-kapaċità eċċessiva u żieda fir-restrizzjoni ta' aċċess għas-swieq fid-dinja (ara t-Taqsimiet 1.1.1 u 1.1.2 ta' hawn taħt), u fin-nuqqas ta' kwalunkwe żvilupp pożittiv ewlieni fil-konsum domestiku tagħhom, il-produtturi esportaturi ħatfu l-opportunità li jiddisponu minn volumi dejjem akbar fis-suq tal-Unjoni.

(4) Għalhekk, is-sett ta' *data* ta' hawn fuq juri li, b'mod inekwivoku, is-suq tal-Unjoni kien attraenti għall-produtturi esportaturi f'termini kemm ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet.

1. **ANALIŻI**

1.1. **Żieda fl-importazzjonijiet bħala riżultat ta' żviluppi mhux previsti**

(5) Għalhekk, is-sottotaqsimiet ta' hawn taħt jipprovdu informazzjoni addizzjonali u spjegazzjoni aktar dettaljata li torbot kull wieħed mill-iżviluppi mhux previsti identifikati maż-żieda fl-importazzjonijiet li seħħew, u b'hekk jissupplimentaw is-sejbiet oriġinali.

1.1.1. *Żieda fl-importazzjonijiet lejn l-Unjoni minħabba kapaċità żejda globali fis-settur tal-azzar*

(6) Fid-determinazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li kienet teżisti kapaċità żejda fis-settur tal-azzar u dan minkejja l-isforzi li kellhom l-għan li jnaqqsuha; xorta waħda kienet żdiedet matul il-perjodu tal-investigazzjoni ([9]).

([1]) Ara l-premessa (35) tar-Regolament Provviżorju, u t-Taqsima 4 tar-Regolament Definittiv.
([2]) Ara l-OECD, *Recent Developments in Steel Trade and Trade Policy Measures*, DSTI/SC(2018)3, p. 9, Tabella 3.
([3]) Sors: il-kalkoli tad-DĠ KUMMERĊ dwar id-*data* tal-Global Trade Atlas (https://ihsmarkit.com/index.html)– *data* mhux ipproċessata disponibbli mal-abbonament – perjodu analizzat: 2014-2017. Għad-dettalji ara n-Nota mal-fajl bid-data 30.11.2022, it-Tabella 1.
([4]) *Ibid*.
([5]) Dawn il-pajjiżi kienu: iċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, it-Turkija u l-Ukrajna, u rrappreżentaw madwar 75 % tal-importazzjonijiet totali fl-Unjoni fl-2018.
([6]) Id-*data* għas-sena sħiħa tal-2018 estrapolata abbażi tad-*data* disponibbli għall-perjodu bejn Jannar u Novembru 2018.
([7]) Sors: Global Trade Atlas (https://ihsmarkit.com/index.html) – disponibbli mal-abbonament.
([8]) Ara l-premessa (32) tar-Regolament Provviżorju.
([9]) Ara l-premessi (31) u (32) tar-Regolament Provviżorju, u l-premessi (51) sa (54) tar-Regolament Definittiv.

(7) Diversi sorsi kkonfermaw b'mod konsistenti r-rabta diretta bejn il-kapaċità żejda fis-settur tal-azzar u l-effetti tagħha fuq l-esportazzjonijiet. Pereżempju, l-OECD innotat, "Livelli eċċessivi ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-azzar għandhom implikazzjonijiet importanti għall-industrija tal-azzar, spiss assoċjati ma' provvista żejda, prezzijiet baxxi, u profittabbiltà dgħajfa" ([10]). Hija nnotat ukoll li "Fil-livell globali, l-effetti tal-kapaċità żejda jiġu trażmessi permezz tal-kummerċ; il-kapaċità żejda tista' twassal għal żidiet fl-esportazzjoni, li jwasslu għal tnaqqis fil-prezzijiet u telf fis-sehem mis-suq għall-produtturi domestiċi li jikkompetu mal-importazzjoni ([11])."

(8) Bl-istess mod, studji oħrajn jippuntaw lejn l-istess direzzjoni. Dokument tal-"Istitut tal-Politika Ekonomika" tal-2014 ([12]), li nnota "Kapaċità żejda tfisser li l-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-azzar għandhom il-kapaċità li jipproduċu ħafna aktar azzar mid-domandi tas-suq. Il-kostijiet fissi għoljin, l-intensità tal-kapital, u l-iskala kbira tal-produzzjoni tal-azzar iħeġġu l-esportazzjoni tal-eċċess b'rati inqas mis-suq. […] "Il-kapaċità żejda twassal għal produzzjoni żejda u żidiet fl-esportazzjonijiet" u li "l-intensità għolja tal-kapital tal-industrija twassal lill-produtturi jimmassimizzaw il-produzzjoni biex ikopru l-kostijiet fissi, u dan min-naħa tiegħu jwassal biex isir dumping tal-produzzjoni eċċessiva fis-swieq barranin—b'mod partikolari s-suq attraenti tal-Istati Uniti—meta d-domanda domestika tkun qed tonqos. Dan wassal għal żidiet ripetuti fl-azzar negozjat b'mod inġust matul is-snin."

(9) Bl-istess mod, il-Kummissjoni Ewropea, f'Komunikazzjoni tal-2016, iddikjarat ukoll "Il-produzzjoni żejda tal-azzar dan l-aħħar wasslet għal żieda drammatika fl-esportazzjonijiet, id-destabbilizzazzjoni tas-swieq globali tal-azzar u depressjoni tal-prezzijiet tal-azzar madwar id-dinja" ([13]).

(10) Għalhekk, hemm raġuni ekonomika aċċettata b'mod ġenerali li tispjega l-azzjoni tal-produtturi esportaturi li jiskarikaw il-kapaċità żejda tagħhom fi swieq ta' pajjiżi terzi (normalment bi prezzijiet aktar baxxi) biex tal-inqas ikopru parti mill-kostijiet tagħhom.

(11) Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat f'aktar dettall ir-rabta diretta bejn il-kapaċità żejda eżistenti (u li qed tiżdied) ikkonfermata fis-settur tal-azzar, u ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni.

(12) F'sitwazzjoni ta' kapaċità żejda, u b'inċentiv biex jiskarikaw il-kapaċità żejda tagħhom, il-produtturi esportaturi jimmiraw lejn dawk is-swieq li jippermettulhom ibigħu, fil-prinċipju, volumi akbar bi prezzijiet idealment aħjar (meta mqabbla ma' swieq terzi oħrajn). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni spjegat fil-premessi (1) sa (4) li l-Unjoni kienet suq attraenti għall-produtturi esportaturi kemm f'termini ta' daqs kif ukoll ta' livelli tal-prezzijiet. Id-*data* dwar l-importazzjoni disponibbli wriet ukoll li l-importazzjonijiet fl-Unjoni żdiedu b'mod rapidu u f'volumi kbar fil-perjodu li fih il-kapaċità żejda kienet qed tiżdied ukoll ([14]) u li għamlu dan b'pass ħafna aktar mgħaġġel mill-konsum tal-Unjoni ([15]), u wriet ukoll li l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni komplew jiżdiedu filwaqt li x-xejra tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn kienet qed turi l-oppost. Barra minn hekk, id-*data* fir-Regolament Provviżorju wriet li l-produtturi esportaturi kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni b'mod konsistenti (f'xi każijiet b'mod sinifikanti), u dan juri d-determinazzjoni tagħhom li jibqgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet attraenti tas-suq tal-Unjoni ([16]). Id-daqs u l-pass tal-importazzjonijiet fl-Unjoni bi prezzijiet konsistentement aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni, f'kuntest ta' tkabbir ħafna aktar bil-mod fil-konsum, ma tantx setgħu jiġu spjegati b'mod raġonevoli mill-ewwel li kieku ma kienx għal kuntest ta' żieda fil-kapaċità żejda, li kien fil-qalba tal-imġiba tal-produtturi esportaturi.

(13) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet fl-Unjoni żdiedu bħala riżultat ta' kapaċità żejda fis-settur tal-azzar fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali.

([10]) Ara l-OECD, *Excess Capacity in the Global Steel Industry: The Current Situation and Ways Forward*, 2015, p. 3.
([11]) Ara l-OECD, *Evaluating the Financial Health of the Steel Industry*, DSTI/SU/SC(2015)12/FINAL, id-9.6.2017, p. 25.
([12]) Disponibbli fuq: https://www.epi.org/publication/surging-steel-imports
([13]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – "L-azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa"; COM(2016) 155 final, 16.3.2016.
([14]) Ara l-OECD, *Excess Capacity in the Global Steel Industry: The Current Situation and Ways Forward*, 2015, it-Tabella f'paġna 2.
([15]) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni kollu, l-importazzjonijiet żdiedu b'71 % filwaqt li l-konsum żdied b'14 %.
([16]) Speċifikament, it-twaqqigħ tal-prezz ġie stabbilit għal 17-il kategorija ta' prodotti, b'meded ta' bejn 1,2 % u 23 %.

1.1.2. *Żieda fil-miżuri għad-difiża tal-kummerċ u l-miżuri restrittivi tal-kummerċ f'pajjiżi terzi*

(14) Fil-premessi (33) u (34) tar-Regolament Provviżorju, il-Kummissjoni spjegat li kien hemm żieda sinifikanti fl-użu ta' strumenti għad-difiża tal-kummerċ fis-settur tal-azzar b'mod partikolari fis-snin ta' qabel il-bidu tal-investigazzjoni ta' salvagwardja tal-UE. Ir-Regolament Provviżorju ddikjara li "filwaqt li matul l-2011-2013, bħala medja tnedew madwar 77 investigazzjoni relatata mal-azzar fis-sena, matul l-2015-2016 din il-medja żdiedet għal 117". Barra minn hekk, matul l-2017 il-pajjiżi terzi komplew jimponu miżuri kummerċjali restrittivi ([17]).

(15) F'termini ġenerali, mid-*data* ([18]) li analizzat fil-perjodu bejn l-2013-2017, il-Kummissjoni osservat li kienu ġew imposti aktar minn 300 miżura ta' difiża tal-kummerċ fuq il-prodotti tal-azzar ([19]).

(16) Diżaggregazzjoni ta' dawn iċ-ċifri żvelat li dawn il-miżuri kienu ġew imposti minn għadd kbir ta' pajjiżi (mill-inqas 24 ġuriżdizzjoni), u fosthom il-pajjiżi importaturi ewlenin tal-azzar kollha ([20]). Dawn il-pajjiżi kienu imponew 157 miżura fil-perjodu 2013-2017, jiġifieri aktar minn 52 % tat-total.

(17) Fl-istess ħin, l-akbar tliet pajjiżi esportaturi lejn l-Unjoni f'dan il-perjodu kienu soġġetti għal ammont kbir ta' miżuri f'diversi ġuriżdizzjonijiet. Meta qieset bħala eżempju l-akbar seba' esportaturi lejn l-Unjoni ([21]), il-Kummissjoni osservat li kienu soġġetti għal madwar 200 miżura, jiġifieri madwar 66 % tal-miżuri totali stabbiliti f'mill-inqas 24 pajjiż terz differenti.

(18) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li d-daqs tal-miżuri ta' strument għad-difiża tal-kummerċ (TDI), f'termini tal-għadd ta' miżuri individwali u ta' pajjiżi affettwati (kemm dawk li jimponu miżuri kif ukoll dawk soġġetti għalihom) kien sinifikanti ħafna. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li d-*data* fil-fajl oriġinali ssuġġeriet li dawn iċ-ċifri jistgħu jkunu saħansitra pjuttost konservattivi ([22]). Barra minn hekk, id-dazji imposti skont dawk il-miżuri dehru li huma għoljin biżżejjed biex ikollhom impatt fuq il-livell tal-importazzjonijiet li jidħlu f'dawk is-swieq meta mqabbla mal-perjodu ta' qabel ma dawn il-miżuri kienu stabbiliti. Dan ġie rifless fi tnaqqis ġenerali fl-esportazzjonijiet minn pajjiżi soġġetti għal miżuri tat-TDI fi swieq terzi (ara l-Premessa (19)), minkejja l-fatt li l-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq ma nbidlux b'mod sinifikanti ([23]) u għalhekk, fil-prinċipju, ma jiġġustifikawx tnaqqis ta' tali daqs fil-volumi esportati , li kieku ma kienx għall-effetti tal-livell tal-miżuri.

(19) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonfermat abbażi tad-*data* analizzata li effett komuni tal-impożizzjoni ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ kien it-tnaqqis (f'ħafna każijiet sinifikanti) tal-importazzjonijiet fil-pajjiżi soġġetti għal miżuri fil-perjodu ta' wara l-impożizzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li, abbażi ta' analiżi tal-investigazzjonijiet tagħha stess tat-TDI dwar il-prodotti tal-azzar ([24]), l-importazzjonijiet naqsu bħala medja sa 82 % meta mqabbla mal-livell tal-importazzjonijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni li wasslu għall-impożizzjoni ta'

([17]) Ara l-premessa (33) tar-Regolament Provviżorju.

([18]) Sors: WTO, Integrated Trade Intelligence Portal (I-TIP) - Estrazzjoni li saret fit-28.11.2018, 10:58.

([19]) Il-kopertura ta' dawk il-prodotti tal-azzar fl-ambitu tal-miżura ta' salvagwardja u l-esklużjoni tal-miżuri imposti mill-Unjoni Ewropea, u dawk imposti fuq l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi tal-UE. Għal ħarsa ġenerali lejn il-miżuri TDI imposti mill-Unjoni Ewropea fuq kategoriji ta' prodotti soġġetti wkoll għall-miżura ta' salvagwardja ara l-Anness 1.B. tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1382 tat-2 ta' Settembru 2019, li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew anti-sussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja; ĠU L 227, 3.9.2019, p. 1.

([20]) Għal aktar dettalji dwar il-pajjiżi importaturi ewlenin tal-azzar fil-perjodu ta' investigazzjoni, ara l-OECD Recent developments in steel trade and trade policy measures - A closer look at non-tariff trade measures, DSTI/SC(2018)3, tas-26.1.2018, paġna 9, Tabella 3. Disponibbli mil-link li ġejja. (https://one.oecd.org/document/DSTI/SC(2018)3/en/pdf)

([21]) Dawn il-pajjiżi kienu (elenkati b'mod alfabetiku): Iċ-Ċina (10 %), l-Indja (9 %), il-Korea (10 %), ir-Russja (14 %), it-Tajwan (5 %), it-Turkija (22 %), u l-Ukrajna (7 %). Dawn kienu jirrappreżentaw, bħala medja, madwar 75 % tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni fil-perjodu 2013-2017.

([22]) Ara l-Premessa (76) tas-sottomissjoni tal-EUROFER tas-16 ta' April 2018 fl-investigazzjoni oriġinali, marbuta ma' aktar informazzjoni granulari dwar kull waħda mill-miżuri kkunsidrati, ipprovduta fl-Anness A07 D.1. Sors tad-*data*: SBB Platts.


([23]) Ara d-*data* tas-CRU: il-konsum għas-snin 2017 u 2018 kien pjuttost stabbli (żieda ta' madwar 2 % biss).

([24]) Ġiet osservata xejra simili meta ġie vvalutat l-impatt tal-miżuri tat-TDI fuq prodotti għajr l-azzar.

miżuri. F'dawk il-każijiet, il-volumi tal-importazzjonijiet affettwati kienu sinifikanti ([25]). Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li l-miżuri tat-TDI fuq l-azzar kellhom effett simili meta ġew imposti minn pajjiżi terzi. F'kampjun ta' 26 każ ivvalutat ([26]), il-Kummissjoni kkonfermat li t-tnaqqis tal-importazzjonijiet bħala medja kien 73 %, u li l-volumi affettwati kienu wkoll rilevanti ([27]). Għalhekk, l-impożizzjoni ta' miżuri tat-TDI minn pajjiżi terzi naqqset il-volum tal-esportazzjonijiet lejn dawk il-pajjiżi, li kienu, tal-inqas parzjalment, diretti lejn is-suq tal-Unjoni.

(20) Barra minn hekk, sett ieħor ta' *data* li juri r-rabta ċara bejn iż-żieda fl-għadd ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ f'pajjiżi terzi u ż-żieda fl-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni huma x-xejriet opposti tal-esportazzjonijiet tal-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar lejn l-Unjoni spjegati fil-Premessa (3) ([28]). Fid-dawl tal-ammont kbir ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ imposti minn pajjiżi terzi u l-effetti li għandhom fuq il-volumi tal-importazzjonijiet fil-pajjiżi li jimponu miżura (kif spjegat fil-Premessi (18) u (19)), din ix-xejra tikkonferma li l-kapaċità tagħhom li jesportaw lejn pajjiżi terzi ġiet limitata b'mod sinifikanti. Għalhekk, huma fittxew li jiddisponu minn dawn il-volumi addizzjonali (affettwati wkoll mill-kapaċità żejda) fis-suq attraenti tal-Unjoni, li b'riżultat ta' dan esperjenza żieda konsistenti fl-importazzjonijiet matul l-istess perjodu, b'pass sostanzjalment aktar mgħaġġel mill-evoluzzjoni tal-konsum.

(21) Il-grafika ta' hawn taħt ([29]) turi dawn ix-xejriet.



([25]) Madwar 15-il miljun tunnellata ta' importazzjonijiet kombinati affettwati minn dawn il-miżuri, li minnhom, ftit aktar minn żewġ miljun tunnellati biss komplew jidħlu fis-suq wara l-miżuri. Għad-dettalji, ara n-Nota mal-Fajl, it-Tabella 2.

([26]) Ara n-Nota mal-Fajl bid-data 30 ta' Novembru 2022, it-Tabella 3.

([27]) Sabiex tiġi imposta miżura tat-TDI, il-volumi kkonċernati minn kull investigazzjoni jeħtieġ li jkunu ogħla mil-limitu *de minimis*. Barra minn hekk, l-azzar normalment jiġi nnegozjat f'volumi pjuttost kbar kif jidher fl-eżempji mill-prattika tal-TDI tal-UE u mill-każijiet inklużi fil-kampjun ta' miżuri tat-TDI f'pajjiżi terzi oħrajn.

([28]) Dawn il-pajjiżi kienu jirrappreżentaw b'mod konsistenti madwar 75 % tal-importazzjonijiet totali fl-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

([29]) Sors: Għall-importazzjonijiet fl-Unjoni: il-Eurostat; għall-miżuri tat-TDI: WTO, Integrated Trade Intelligence Portal (I-TIP).

(22) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-konsum ġenerali tal-azzar ma ra l-ebda tnaqqis kbir f'dak il-perjodu li seta' jispjega tali tnaqqis fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Għalhekk, it-tnaqqis tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn jista' jiġi spjegat b'mod raġonevoli biss mill-effett ta' limitazzjoni tal-firxa wiesgħa ta' miżuri tat-TDI jew ta' miżuri restrittivi kummerċjali oħrajn imposti minn għadd kbir ta' ġuriżdizzjonijiet.

(23) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fil-miżuri tat-TDI u f'miżuri restrittivi kummerċjali oħrajn madwar pajjiżi terzi kienet irriżultat f'żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

1.1.3. *Miżura skont it-Taqsima 232 tal-Istati Uniti*

(24) Fil-premessi (58) sa (61) tar-Regolament Definittiv, il-Kummissjoni spjegat ir-rabta bejn il-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti u ż-żieda ta' importazzjonijiet fl-Unjoni. Barra minn hekk, fil-Premessi (101) sa (110) tar-Regolament Definittiv, il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet kemm fis-suq tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Uniti ([30]).

(25) Minħabba li d-*data* vvalutata biex tiġi ddeterminata żieda fl-importazzjonijiet waqfet fl-aħħar ta' Ġunju 2018 (tmiem l-Aktar Perjodu Reċenti jew "MRP"), din kopriet ix-xejriet tal-importazzjoni fl-Unjoni u fl-Istati Uniti għal perjodu relattivament qasir wara li daħlet fis-seħħ it-Taqsima 232 tal-Istati Uniti. Madankollu, kif spjegat fil-Premessa (58) tar-Regolament Definittiv, l-investigazzjoni li wasslet għall-miżura tal-Istati Uniti kienet diġà nbdiet f'April 2017 u r-rapport li jistabbilixxi l-bażi għall-adozzjoni aktar tard tal-miżura ġie ppubblikat f'Jannar 2018, u għalhekk l-ewwel sinjali ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali diġà kienu ġew identifikati.


(26) Id-*data* wriet li filwaqt li matul l-ewwel nofs tal-2018 l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti naqsu bi kważi miljun tunnellata (-7 %) meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2017, l-importazzjonijiet fl-Unjoni segwew xejra opposta kważi identika, b'żieda ta' 1,2 miljun tunnellata (+7 %) fl-importazzjonijiet.


(27) Din ix-xejra hija spjegata minħabba li l-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar lejn l-Unjoni esportaw ukoll volumi rilevanti lejn is-suq tal-Istati Uniti. Filwaqt li l-volumi tal-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti kienu qed jonqsu (bħala riżultat tal-effetti tad-dazju ta' 25 % skont it-Taqsima 232 tal-Istati Uniti), il-volum tal-esportazzjonijiet ta' xi wħud minn dawn il-pajjiżi lejn l-Unjoni żdied b'mod parallel. Barra minn hekk, u kif spjegat fil-Premessa (3) ta' hawn fuq, l-esportazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi lejn swieq terzi oħrajn ġeneralment naqsu.

(28) Għalhekk, l-impossibbiltà li jiġu esportati bl-istess ammonti lejn l-Istati Uniti wara li daħlet fis-seħħ il-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, poġġiet lill-pajjiżi esportaturi f'sitwazzjoni li fiha kienu mġiegħla jfittxu żbokki oħrajn għall-azzar tagħhom. F'dan il-każ, minħabba li s-suq tal-Unjoni kien attraenti ħafna f'termini ta' daqs u prezzijiet meta mqabbel ma' swieq terzi oħrajn, kien mira naturali għall-pajjiżi esportaturi u dan irriżulta f'żieda fl-importazzjonijiet, b'mod partikolari mill-oriġini li tilfu l-volumi tal-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti. Dawn ix-xejriet jidhru fil-grafika ta' hawn taħt ([31]).

([30]) Għall-fini li tiġi spjegata r-rabta tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti u ż-żieda fl-importazzjonijiet, il-Kummissjoni f'dawk il-premessi tirreferi biss għad-*data* inkluża sa Ġunju 2018. Ir-raġuni hija li ż-żieda fl-importazzjonijiet ivvalutata fir-Regolament Definittiv tkopri sa dak ix-xahar.

([31]) Sors: GTA, esportazzjonijiet kumulati mit-Turkija, il-Korea, ir-Russja u t-Tajwan lejn l-Istati Uniti (grafika 2); u esportazzjonijiet kumulati mill-istess pajjiżi lejn l-Istati Uniti u l-Unjoni (grafika 3).





(29) Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Kummissjoni kkonfermat li ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni li seħħet fil-perjodu ta' investigazzjoni kienet ir-riżultat (flimkien mal-iżviluppi mhux previsti l-oħrajn stabbiliti) tal-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti.

Valutazzjoni kumulattiva

(30) Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li ż-żieda fl-importazzjonijiet seħħet bħala riżultat tal-kombinazzjoni tal-iżviluppi kollha mhux previsti identifikati (kapaċità żejda globali, żieda fil-miżuri għad-difiża tal-kummerċ u miżuri restrittivi kummerċjali f'pajjiżi terzi u l-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti). L-eżistenza ta' diversi żviluppi mhux previsti fl-istess ħin issaħħaħ is-sejba ta' rabta loġika bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni, li kienet suq attraenti u ewlieni għall-esportazzjonijiet tal-azzar, u l-iżviluppi identifikati mhux previsti.

1.2. **Theddida ta' dannu serju**

(31) Id-determinazzjoni oriġinali stabbiliet li kieku l-Unjoni ma imponietx miżura ta' salvagwardja, kien ikun hemm theddida ta' dannu serju għall-produtturi domestiċi peress li l-importazzjonijiet kienu mistennija jkomplu jiżdiedu, b'mod partikolari minħabba d-devjazzjoni tal-kummerċ (iżda mhux limitat għaliha) li toriġina mill-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, u b'hekk tiżdied il-pressjoni tal-importazzjoni f'termini ta' prezz u volumi ([32]). Din it-taqsima tar-Regolament se tiżviluppa f'aktar dettall għaliex kienet teżisti theddida ta' dannu serju u kienet fondata sew fid-dawl tal-evidenza disponibbli meta ġiet imposta l-miżura definittiva. Biex tagħmel dan, din it-taqsima tar-Regolament se tipprovdi spjegazzjonijiet u kjarifiki addizzjonali dwar l-aspetti li ġejjin li jwasslu għas-sejba ta' theddida ta' dannu serju: i) is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u r-raġunijiet li jispjegaw l-irkupru parzjali tagħha fl-2017; ii) ir-rwol tal-miżuri tat-TDI tal-UE fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni; iii) l-impatt tal-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti – inkluża l-evoluzzjoni reċenti tal-importazzjoni fl-Unjoni; iv) l-aktar evoluzzjoni reċenti tal-prezzijiet tal-azzar u tal-materja prima; v) is-sitwazzjoni attwali tal-miżuri tat-TDI f'pajjiżi terzi u l-kapaċità żejda; vi) prospettivi u previżjonijiet tas-suq.

Attraenza kontinwa tas-suq tal-Unjoni

(32) Fil-Premessi (1) sa (4) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni spjegat kif is-suq tal-Unjoni kien attraenti f'termini ta' daqs u prezzijiet u kif dawn il-karatteristiċi kkontribwew għal ammont dejjem akbar ta' importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(33) Il-Kummissjoni qieset li dawn il-karatteristiċi baqgħu l-istess fi tmiem l-investigazzjoni u dan wassal għall-impożizzjoni tas-salvagwardja definittiva, u kkonfermat li fl-2018, is-suq tal-Unjoni kompla jkun suq attraenti f'termini ta' daqs ([33]) u prezzijiet. Il-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar lejn l-Unjoni kisbu prezz ogħla fis-suq tal-Unjoni meta mqabbla mal-prezzijiet tal-esportazzjoni miksuba fi swieq terzi oħrajn għal 48 % sa 81 % tal-kodiċijiet NM ikkonċernati ([34]). B'hekk ġiet ikkonfermata l-attraenza kontinwa f'termini ta' prezzijiet. Fir-rigward tad-daqs, l-Unjoni kompliet tkun suq tal-esportazzjoni rilevanti, li jirrappreżenta kważi 40 % għal xi pajjiżi esportaturi u għal xi wħud minnhom madwar 25 % tal-esportazzjonijiet totali tagħhom, skont il-pajjiż tal-esportazzjoni ([35]).

(34) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda element fost id-*data* vvalutata, inklużi s-sottomissjonijiet mill-partijiet interessati, li jindika li s-suq tal-Unjoni se jsir inqas attraenti fil-futur qarib. Fil-fatt, kif muri f'dan l-Anness (ara bħala eżempju s-sottotaqsimiet 1.2.3 u 1.2.5 hawn taħt) kien hemm nuqqas dejjem akbar ta' żbokki alternattivi fejn il-produtturi esportaturi setgħu jilħqu l-istess volumi jew volumi simili ta' esportazzjonijiet tal-passat, u b'hekk il-pressjoni tal-importazzjoni fuq is-suq attraenti tal-Unjoni żdiedet saħansitra aktar.

1.2.1. *Sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-fatturi li jispjegaw l-irkupru parzjali tagħha fl-2017*

(35) It-Taqsima VI.1 tar-Regolament Provviżorju u t-Taqsimiet 5.1 sa 5.3 tar-Regolament Definittiv spjegaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu analizzat, u l-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu mill-2013, u kkonkludew li l-industrija tal-Unjoni kienet f'pożizzjoni fraġli u vulnerabbli.

(36) Is-sejba ta' vulnerabbiltà minkejja titjib parzjali fl-2017, ġiet spjegata minn għadd ta' fatturi li ppermettew lill-industrija tal-Unjoni tilħaq, fl-2017 biss, livelli ġenerali aktar b'saħħithom ta' profittabbiltà milli fis-snin ta' qabel minkejja żieda kontinwa fl-importazzjonijiet ([36]).

(37) L-ewwel nett, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu analizzat uriet prestazzjoni ġeneralment ħażina, billi ġarrbet telf (2013) jew kisbet livell baxx ħafna ta' profitti (2014-2016). Għalkemm fl-2017, l-industrija kisbet għall-ewwel darba f'perjodu ta' 5 snin livell ta' profittabbiltà aktar b'saħħtu, dan ma laħaqx daqs li jagħmel tajjeb għall-prestazzjoni preċedenti matul perjodu ta' 4 snin. Anke f'dik is-sena, għal għadd kbir ta' kategoriji ta'

([32]) Ara l-Premessi (90) u (110) tar-Regolament Definittiv.

([33]) Ara l-Kumitat tal-Azzar tal-OECD – Recent developments in steel trade and trade policy measures, 17-18 ta' Settembru, 2018, p. 8, it-Tabella 2 (li turi li fl-2018 l-Unjoni kienet qed tikkonsolida aktar il-pożizzjoni tagħha bħala l-pajjiż ewlieni li jimporta l-azzar madwar id-dinja).

([34]) Sors: Kalkoli tad-DĠ KUMMERĊ dwar id-*data* tal-Global Trade Atlas (https://ihsmarkit.com/index.html)– *data* mhux ipproċessata disponibbli mal-abbonament. Għad-dettalji ara n-Nota mal-fajl bid-data 30 ta' Novembru 2022, it-Tabella 1.

([35]) *Ibid.*

([36]) L-impożizzjoni ta' miżuri tat-TDI fuq xi kategoriji ta' prodotti kkontribwiet ukoll għal dan it-titjib, iżda ir-rwol speċifiku tagħhom huwa analizzat fit-Taqsima 1.2.2.

prodotti, il-profittabbiltà baqgħet baxxa. Tliet kategoriji ta' prodotti baqgħu jagħmlu telf u 13-il kategorija ta' prodotti kienu qrib li jilħqu ekwilibriju. Seba' kategoriji ta' prodotti biss setgħu jirkupraw għal livell ta' profitt ogħla minn 6 % fl-2017 ([37]). F'dan ir-rigward, fattur differenti ewlieni fl-2017 kien relatat mal-evoluzzjoni u l-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità tal-Unjoni u d-differenza mal-kost tal-produzzjoni meta mqabbel ma' tas-snin preċedenti. Fir-rigward tal-prezz, fl-2017 dan żdied b'madwar 18 % fir-rigward tas-sena ta' qabel (żieda ta' EUR 106/tunnellata). Fl-istess ħin, anke jekk il-kost tal-produzzjoni żdied ukoll f'dik is-sena (bi EUR 82/tunnellata meta mqabbel mas-sena ta' qabel) ([38]), l-industrija tal-Unjoni setgħet tikseb l-akbar marġni (pożittiv) bejn dawn it-tnejn fil-perjodu analizzat (EUR 36/tunnellata), li rriżulta fi profittabbiltà akbar ([39]). Madankollu, din is-sitwazzjoni eċċezzjonali ([40]), skont l-aktar żviluppi reċenti analizzati fl-investigazzjoni, ma kinitx mistennija li tkun ta' natura dejjiema u kien hemm xejriet ċari li juru li diġà kienet qed titreġġa' lura (ara t-Taqsima 1.2.4).

(38) It-tieni, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-volum tal-bejgħ tagħha f'termini ġenerali b'7 % fl-2017 meta mqabbel mal-2013 ([41]), u b'hekk ikkontribwiet għat-titjib parzjali tal-prestazzjoni tagħha f'dik is-sena, huwa ċar li ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ minn żieda ferm ogħla fil-konsum fl-istess perjodu (+14 %) ([42]) fis-suq tal-Unjoni għalkemm baqa' jkollha biżżejjed kapaċità disponibbli fl-2017 (76 % fl-2017 ta' użu tal-kapaċità meta mqabbel ma' 75 % fl-2016) ([43]) biex tkompli żżid il-bejgħ domestiku tagħha. Ta' min jinnota li l-industrija tal-Unjoni bilkemm tejbet l-użu tal-kapaċità tagħha fl-2017 meta mqabbla mas-sena preċedenti. Tali prestazzjoni soppressa tista' tiġi spjegata mill-pressjoni sinifikanti dejjem akbar tal-importazzjoni (f'termini ta' volumi u prezzijiet) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet fil-perjodu vvalutat. Fil-fatt, l-importazzjonijiet ibbenefikaw ħafna aktar mill-produtturi tal-Unjoni miż-żieda fil-konsum. Filwaqt li l-produtturi tal-Unjoni tilfu s-sehem mis-suq b'mod konsistenti sena wara sena (minn 87,2 % għal 81,9 %) ([44]), l-importazzjonijiet esperjenzaw żieda drastika (+71 %) ([45]), li tirrappreżenta żieda fis-sehem mis-suq tagħhom minn 12,7 % fl-2013 għal 18,8 % fl-2017 ([46]). Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fl-MRP kien ta' 18,8 %, li kien saħansitra ogħla milli fl-2017 (18,1 %). Dawn ix-xejriet jistgħu jiġu spjegati mit-twaqqigħ konsistenti tal-prezz tal-importazzjonijiet ([47]), li b'hekk impedixxa lill-industrija tal-Unjoni milli tikseb il-potenzjal sħiħ (jew tal-inqas akbar) tal-iżviluppi tas-suq.

(39) It-tielet, filwaqt li l-kundizzjonijiet tas-suq tjiebu b'mod ġenerali (b'żieda fil-konsum, fil-bejgħ domestiku u fil-livelli tal-prezzijiet), l-industrija tal-Unjoni xorta ma setgħetx issarraf dan f'aktar impjiegi, li kienu ġarrbu t-telf ta' kważi 10 000 ħaddiem fl-Unjoni fil-perjodu 2013-2017 ([48]). Fl-2017, il-livell tal-impjiegi naqas bi ftit ħafna meta mqabbel mal-2016. Fl-aħħar nett, l-istokks żdiedu bi 19 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni u baqgħu għoljin fl-2017 ([49]).

(40) Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni tejbet parzjalment il-prestazzjoni tagħha fl-2017 bħala riżultat ta' taħlita ta' fatturi, b'mod partikolari ż-żieda fil-konsum u fil-bejgħ domestiku u d-differenza akbar bejn il-prezz tal-azzar u tal-materja prima ([50]) iżda dan it-titjib xorta kien limitat mil-livell ta' pressjoni fuq l-importazzjoni li ġarrbet f'dik is-sena, li ma ppermettiex lill-industrija tal-Unjoni tibbenefika aktar minn fatturi eżistenti bħal dawn. It-telf kontinwu tas-sehem mis-suq u t-twaqqigħ persistenti tal-prezz fil-kategoriji tal-prodotti, jew l-impjiegi li ma setgħetx tirkupra, kienu sinjali ċari li s-sitwazzjoni tagħha ma kinitx dik ta' industrija li kienet irkuprat bis-sħiħ mill-effetti ta' prestazzjonijiet negattivi preċedenti fis-snin ta' qabel, u dik il-pressjoni tal-importazzjoni kellha rwol ewlieni fil-prevenzjoni ta' tali rkupru.

([37]) Il-Premessa (53) tar-Regolament Provviżorju.
([38]) Ara t-Tabella 15 tar-Regolament Definittiv.
([39]) Dawn ix-xejriet ġew ivvalutati għall-prodott ikkonċernat, u mhux għal kategoriji ta' prodotti individwali.
([40]) Abbażi ta' paragun tas-snin kollha fil-perjodu analizzat.
([41]) Ara t-Tabella 4 tar-Regolament Definittiv.
([42]) *Ibid.*
([43]) Ara t-Tabella 5 tar-Regolament Definittiv.
([44]) Ara t-Tabella 4 tar-Regolament Definittiv.
([45]) Ara t-Tabella 2 tar-Regolament Definittiv.
([46]) *Ibid.*
([47]) Ara l-Anness III tar-Regolament Provviżorju.
([48]) Ara t-Tabella 7 tar-Regolament Definittiv.
([49]) Ara t-Tabella 5 tar-Regolament Definittiv.
([50]) Ara t-Taqsima 1.2.2. għall-ispjegazzjoni tar-rwol tal-miżuri reċenti tat-TDI fil-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2017.

(41) Peress li xi whud minn dawn il-fatturi li żviluppaw b'mod pożittiv fl-2017 kienu qed jitreġġgħu lura fl-2018 (ara l-aħħar żviluppi u l-prestazzjoni mistennija għall-prezzijiet tal-azzar u tal-materja prima, kif ukoll ix-xejriet mistennija fil-konsum) f'sitwazzjoni li fiha l-pressjoni tal-importazzjoni kienet mistennija tiżdied f'termini ta' volumi u prezzijiet, l-impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni jkun negattiv.

(42) Fi kliem ieħor, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni setgħet tirkupra parzjalment minħabba l-iżviluppi pożittivi kumulati ta' serje ta' fatturi ewlenin fis-suq u minħabba żieda aktar bil-mod tal-importazzjonijiet fl-2017 meta mqabbla mas-snin preċedenti ([51]), ir-riżultat negattiv li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-fatturi kienu qed juru fl-aħħar tal-2018 neċessarjament jirriżulta f'deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fid-dawl taż-żieda ulterjuri kontinwa fil-pressjoni tal-importazzjoni, li din id-darba, minħabba d-daqs tagħha u l-kuntest prevalenti tas-suq mistenni, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tibqa' ssostni. B'riżultat ta' dan, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni kienet dik ta' vulnerabbiltà għal żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet.

1.2.2. *Rwol tal-miżuri tat-TDI tal-Unjoni fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2017*

(43) F'din it-Taqsima, il-Kummissjoni tipprovdi l-ispjegazzjonijiet addizzjonali u d-*data* ta' appoġġ meħtieġa rigward ir-rwol tal-miżuri TDI fuq l-irkupru parzjali tal-industrija tal-Unjoni fl-2017.

(44) L-ewwel nett, biex twettaq dan l-eżerċizzju, il-Kummissjoni għażlet dawk il-miżuri imposti fis-snin 2015 u 2016 minħabba li l-Kummissjoni qieset li dawk ikunu l-miżuri li l-effetti tagħhom fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2017 jistgħu jiġu parzjalment attribwiti lilhom ([52]). Għalhekk, skont dawn il-parametri, qabel l-2017, il-Kummissjoni kienet imponiet sitt miżuri tat-TDI fuq l-importazzjonijiet minn kategoriji ta' prodotti li sussegwentement kienu soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja ([53]).

(45) Dawn il-miżuri kienu dawn li ġejjin ([54]): Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/501 ([55]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 ([56]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 ([57]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/113 ([58]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1777 ([59]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 ([60]).

([51]) L-importazzjonijiet totali żdiedu b'madwar miljun tunnellata u s-sehem mis-suq tagħhom tela' minn 17,9 % għal 18,1 % mill-2016 sal-2017, li huwa inqas miż-żidiet ta' qabel sena wara sena kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi.

([52]) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset li, pereżempju, miżura tat-TDI imposta fl-2013 tkun wisq 'il bogħod biex tkun marbuta mal-prestazzjoni mtejba tal-Unjoni fl-2017, u għalhekk il-miżuri magħżula joffru bażi aktar preċiża u xierqa għall-analiżi.

([53]) F'xi każijiet, l-ambitu ta' miżura tat-TDI fuq ċertu prodott, f'termini tal-kodiċijiet NM koperti, jista'ma jaqbilx kompletament mad-definizzjoni tal-prodott tal-kategorija tal-prodott korrispondenti skont il-miżura ta' salvagwardja, għalhekk din il-valutazzjoni hija approssimazzjoni.

([54]) Dawn ir-referenzi għal dawn ir-regolamenti jappartjenu għar-regolamenti li jimponu miżura provviżorja, minħabba li għal skopijiet prattiċi, sakemm kien stabbilit dazju (provviżorju jew definittiv), ġie prežunt li għandha impatt simili fuq il-volumi nnegozjati. F'dawn il-każijiet kollha, l-investigazzjoni rriżultat fl-impożizzjoni ta' miżura definittiva.

([55]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/501 tal-24 ta' Marzu 2015 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-metall mgħattan mingħajr tisħin f'fuljetti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mit-Tajwan, ĠU L 79, 25.3.2015, p. 23.

([56]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 tal-10 ta' Frar 2016 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa; ĠU L 37, 12.2.2016, p. 1.

([57]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 272, 7.10.2016, p. 33.

([58]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/113 tat-28 ta' Jannar 2016 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' żbarri u vireg tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi għar-rinfurzar tal-konkrit li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 23, 29.1.2016, p. 16.

([59]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1777 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċerta pjanċa tqila tal-azzar mhux illigat jew azzar illigat ieħor li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 272, 7.10.2016, p. 5.

([60]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17.

(46) Il-Kummissjoni osservat li l-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni f'dawn il-kategoriji ta' prodotti tjiebet sistematikament fis-sena ta' wara l-impożizzjoni tal-miżuri. B'mod partikolari, il-Kummissjoni sabet li, fl-2017, il-profittabbiltà ġeneralment tjiebet ([61]), għalkemm għal għadd kbir ta' prodotti tal-kategorija, il-profittabbiltà baqgħet baxxa, b'mod partikolari għall-kategoriji ta' prodotti soġġetti għal miżuri reċenti tat-TDI, u li l-prezzijiet tal-importazzjoni ta' pajjiżi terzi (minbarra dawk soġġetti għall-miżuri tat-TDI inkwistjoni) ġeneralment żdiedu temporanjament fl-2017 wara l-impożizzjoni tal-miżuri tat-TDI ([62]).

(47) Barra minn hekk, il-volumi affettwati mill-miżuri reċenti għad-difiża tal-kummerċ kienu jirrappreżentaw madwar 40 % tal-importazzjonijiet totali fil-kategoriji tal-prodotti soġġetti għal miżuri reċenti tat-TDI fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni ([63]) u fis-snin ta' wara l-impożizzjoni ta' dawk il-miżuri tat-TDI, il-volumi tagħhom fis-suq tal-Unjoni naqsu b'aktar minn 90 % ([64]). Għalhekk, it-tnaqqis sostanzjali ta' importazzjonijiet negozjati inġusti li żguraw l-impożizzjoni ta' miżuri, ġeneralment ippermetta lill-produtturi tal-Unjoni u lil pajjiżi esportaturi oħrajn iżidu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom fl-2017.

(48) Barra minn hekk, il-kategoriji kollha ta' prodotti soġġetti għal miżuri reċenti ta' difiża tal-kummerċ esperjenzaw titjib sinifikanti fil-profittabbiltà ([65]), li ħafna minnhom qabżu s-6 % fl-2017 ([66]). Għall-bqija tal-kategoriji, l-istampa kienet aktar varjata, bi ftit kategoriji li jaqbżu jew jilħqu profittabbiltà qrib is-6 % ([67]), kategoriji oħrajn li qed jitjiebu iżda li għadhom qed juru livelli ta' profittabbiltà dgħajfa jew baxxi ([68]), u oħrajn li qed jagħmlu t-telf jew profittabbiltà ta' madwar 1 % ([69]), irrispettivament mix-xejriet reċenti. Għalhekk, intwera li l-istampa f'termini tal-evoluzzjoni tal-profittabbiltà ma kinitx omoġenja fost il-kategoriji u li f'termini ġenerali, il-biċċa l-kbira tal-kategoriji ([70]), fl-2017, jew kienu qed jagħmlu telf jew kellhom livelli batuti ta' profittabbiltà, anke jekk is-sitwazzjoni tagħhom tjiebet f'xi każijiet meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Għalhekk, ġiet ikkonfermata l-fraġilità tas-sitwazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni minkejja li s-sitwazzjoni hija aħjar mis-sena ta' qabel.

(49) Madankollu, kif spjegat hawn taħt, ix-xejra ta' żieda fl-ipprezzar fl-2017 kienet temporanja u bdiet titreġġa' lura fl-2018 meta l-Unjoni kienet qed tiffaċċja żieda fl-importazzjonijiet prinċipalment minn pajjiżi terzi mhux soġġetti għal miżuri għad-difiża tal-kummerċ u d-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali kkawżata mill-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti. Dan jidher mill-volum tal-importazzjonijiet fl-MRP li laħaq ċifra rekord ta' 31 314-il tunnellata minkejja l-impożizzjoni ta' miżuri reċenti għad-difiża tal-kummerċ f'xi kategoriji ta' prodotti. Dan wera li filwaqt li l-miżuri reċenti tat-TDI kkontribwew għat-titjib parzjali u temporanju tal-industrija tal-Unjoni, huma bbenefikaw ukoll lil dawk il-pajjiżi esportaturi mhux soġġetti għal miżuri, li kienu bdew iżidu wkoll b'mod sinifikanti l-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni ([71]).

(50) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li l-impożizzjoni ta' miżuri tat-TDI kkontribwiet għall-prestazzjoni ġenerali tal-produtturi tal-Unjoni, sa fejn kienu kkonċernati dawn il-kategoriji ([72]).

([61]) Sors: Analiżi mid-DĠ KUMMERĊ tal-indikaturi tad-dannu ppubblikata fil-miżuri rilevanti u analiżi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju pprovduti mill-industrija tal-Unjoni għal kull kategorija ta' prodott fil-qafas tal-investigazzjoni ta' salvagwardja oriġinali. Għad-dettalji ara n-Nota mal-Fajl bid-data 30 ta' Novembru 2022, it-Tabella 4.

([62]) Sors: Eurostat.

([63]) Is-somma tal-importazzjonijiet soġġetti għall-miżuri tat-TDI minn dawn l-investigazzjonijiet (għalkemm jikkonċernaw perjodi differenti ta' investigazzjoni u snin differenti, eż. mill-2013 sal-2015) kienet ftit aktar minn 5 miljun tunnellati.

([64]) Sors: Analiżi tad-DĠ KUMMERĊ tal-każijiet tiegħu stess tat-TDI għall-volum tal-importazzjonijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni rilevanti, u l-Eurostat għaċ-ċifri tal-importazzjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni ta' kull waħda minn dawn l-investigazzjonijiet għal din l-implimentazzjoni.

([65]) Il-kategoriji 1, 2, 7, 9, 12 u 13.

([66]) Il-kategoriji 1, 2 u 9.

([67]) Ara l-kategoriji 4, 8 u 14.

([68]) Ara l-kategoriji 5, 6, 15, 16 u 26

([69]) Ara l-kategoriji 3, 17, 18, 20, 21, 22, 23, 25 u 28.

([70]) Mill-inqas 15-il kategorija minn total ta' 23 soġġetti għal miżura provviżorja (li għalihom ġiet ipprovduta diżaggregazzjoni fl-Anness III tar-Regolament Provviżorju.

([71]) Pereżempju, it-Turkija żiedet il-preżenza tagħha fis-suq tal-Unjoni fil-kategorija 1, fejn iċ-Ċina kienet soġġetta għal miżuri tat-TDI f'Ottubru 2016, minn 1 062 247 tunnellata fl-2016 għal 2 miljun tunnellati fl-2017 (u kważi 3 miljun tunnellati fl-2018). Bl-istess mod, l-Indja żdiedet minn 443 551 tunnellata għal 1 121 334 tunnellata fl-2017, jew l-Eġittu, minn 47 400 tunnellata fl-2016 għal 409 432 tunnellata fl-2017.

([72]) It-Taqsima 1.2.1. spjegat ir-raġunijiet għat-titjib ġenerali tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

(51) Barra minn hekk, ir-raġunament fit-Taqsimiet 1.2.1 u 1.2.2 wera b'mod ċar li xi fatturi li jispjegaw l-irkupru parzjali tal-Unjoni (eż. il-konsum) ma affettwawx jew ma kinux ta' benefiċċju għall-produtturi tal-Unjoni u għall-pajjiżi esportaturi bl-istess mod jew b'mod simili, peress li dawn tal-aħħar setgħu jżidu bil-kbir (+71 % fil-volumi) il-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni għad-detriment tal-produtturi tal-Unjoni li tilfu s-sehem mis-suq, u raw biss żieda relattivament żgħira fil-volumi tal-bejgħ ġenerali (+7 %) meta mqabbla mat-tkabbir kontinwu tal-importazzjonijiet.

1.2.3. *Impatt tal-miżura skont it-Taqsima 232 tal-Istati Uniti*

(52) Fir-Regolament Definittiv ([73]), il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li t-Taqsima 232 tal-Istati Uniti tkun responsabbli għal devjazzjoni sinifikanti tat-traffiku kummerċjali lejn is-suq tal-Unjoni.

(53) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni wettqet analiżi aktar dettaljata tax-xejriet tal-importazzjoni fl-Unjoni u fl-Istati Uniti, kemm f'termini ġenerali u mbagħad wara analizzat ulterjorment l-imġiba ta' ċerti pajjiżi esportaturi. Din l-analiżi wriet li meta l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti u fl-Unjoni fl-ewwel nofs tal-2018 jitqabblu mal-ewwel nofs tal-2017, l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti naqsu bi kważi miljun tunnellata (-7 %) meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2017, l-importazzjonijiet fl-Unjoni segwew xejra opposta kważi identika, b'żieda fl-importazzjonijiet ta' 1,2 miljun tunnellata (+7 %) (Ara l-Premessa (26) ta' hawn fuq). Meta jiġu vvalutati l-iżviluppi fit-tieni nofs tal-2018 u fl-istess perjodu fl-2017, dawn ix-xejriet opposti jsiru aktar qawwija. Fil-fatt, l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti naqsu b'2,4 miljun tunnellati (-19 %) filwaqt li l-importazzjonijiet fl-Unjoni żdiedu b'aktar minn 2 miljun tunnellati (+15 %) ([74]).

(54) Dan irriżulta fi tnaqqis annwali ġenerali tal-importazzjonijiet fl-Istati Uniti ta' 3,3 miljun tunnellati (-13 %) u żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' 3,2 miljun tunnellati (+11 %) li 72 % mill-volumi totali mnaqqsa fl-Istati Uniti u 63 % taż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni seħħew fit-tieni nofs tal-2018 ([75]).

(55) Għalhekk, ir-ritmu u d-daqs li bihom dawn ix-xejriet tal-importazzjonijiet ġew aċċellerati fit-tieni nofs tal-2018 urew li l-impatt tal-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti kien qed jieħu aktar effett progressivament peress li kien diġà stabbilit għal ftit xhur, u li l-pajjiżi esportaturi kienu qed jaġġustaw malajr għas-sitwazzjoni l-ġdida tas-suq ([76]).

(56) Meta wieħed iħares lejn l-imġiba tal-pajjiżi esportaturi kemm lejn is-suq tal-Istati Uniti kif ukoll lejn dak tal-UE, il-Kummissjoni kkonfermat din ix-xejra. Pereżempju, pajjiżi bħat-Turkija, ir-Russja, il-Korea t'Isfel u t-Tajwan ([77]), li kienu jirrappreżentaw volumi sinifikanti ta' esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti u lejn l-Unjoni, raw ix-xejriet li ġejjin fl-2018 meta mqabbla mal-2017: It-Turkija naqqset l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Istati Uniti b'madwar 850 000 tunnellata (-45 %) u żiedet l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni b'2,6 miljun tunnellati (+56 %). B'mod simili,

([73]) Ara l-Premessi (57) sa (62), u t-Tabella 12 tar-Regolament Definittiv.

([74]) Sabiex dan il-volum jitqiegħed f'kuntest, kalkolu bażiku li jqis il-prezz medju tal-azzar fl-Unjoni fl-2017 juri li l-industrija tal-UE tista' titlef valur ta' madwar EUR 1,4 biljun f'bejgħ domestiku minħabba importazzjonijiet addizzjonali. B'hekk intwera li l-impatt potenzjali ta' dan il-bejgħ addizzjonali kien rilevanti.

([75]) Filwaqt li ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni bejn l-2016 u l-2017 kienet ħafna iżgħar, madwar miljun tunnellata.

([76]) Ara wkoll il-Kumitat tal-Azzar tal-OECD – Recent developments in steel trade and trade policy measures, 17-18ta' Settembru, 2018, p. 8, it-Tabella 2.

([77]) Fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miżura ta' salvagwardja definittiva, l-erba' miżuri tat-TDI li ġejjin bissli jaffettwaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni kienu stabbiliti (tlieta kontra r-Russja u waħda kontra t-Tajwan): Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbja, ĠU L 258, 6.10.2017, p. 24. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa, ĠU L 210, 4.8.2016, p. 1. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1469 tal-1 ta' Ottubru 2018 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukrajna wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 246, 2.10.2018, p. 20. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429 tas-26 ta' Awwissu 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan, ĠU L 224, 27.8.2015, p. 10.

l-esportazzjonijiet tar-Russja lejn l-Istati Uniti naqsu b'aktar minn 250 000 tunnellata (-36 %) u żdiedu bi 870 000 tunnellata (+23 %) lejn l-Unjoni, l-esportazzjonijiet tal-Korea t'Isfel lejn l-Istati Uniti naqsu b'aktar minn 880 000 tunnellata (-27 %), mentri lejn l-Unjoni żdiedu b'madwar 250 000 tunnellata (+8 %), u l-esportazzjonijiet tat-Tajwan lejn l-Istati Uniti naqsu b'madwar 160 000 tunnellata (-14 %) filwaqt li żdiedu b'aktar minn 500 000 tunnellata (+40 %) lejn l-Unjoni ([78]).

(57) Għalhekk, dawn iċ-ċifri wrew li l-produtturi esportaturi ġeneralment setgħu jittrasportaw, tal-inqas parti mill-volumi mitlufa fl-Istati Uniti, lejn is-suq tal-Unjoni, u f'xi każijiet iżidu l-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni ferm ogħla mill-volumi mitlufa fl-Istati Uniti. Minħabba d-daqs tas-suq tal-Istati Uniti ([79]), il-fatt li l-miżura skont it-Taqsima 232 tal-Istati Uniti kienet għadha fl-ewwel xhur tal-applikazzjoni tagħha u għalhekk kienet għadha ma laħqitx l-effetti intenzjonati sħaħ tagħha ([80]), kien raġonevoli li wieħed jistenna li l-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti jkomplu jonqsu f'volumi sinifikanti u li l-produtturi esportaturi jkunu jistgħu jadattaw għal dawn iċ-ċirkostanzi u jżidu ulterjorment il-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni.

(58) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li l-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti kienet kapaċi tikkawża devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali saħansitra akbar tal-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni fil-futur qarib.

1.2.4. *L-aktar evoluzzjoni reċenti tal-prezzijiet tal-azzar u tal-materja prima*

(59) Fir-Regolament Definittiv, il-Kummissjoni nnotat li "l-prezzijiet tal-azzar fl-Unjoni bdew isegwu xejra ta' tnaqqis mit-tielet trimestru tal-2018 ([81])".

(60) F'dan ir-rigward, fit-Taqsima 1.2.1 ta' hawn fuq, il-Kummissjoni osservat li wieħed mill-fatturi li spjega titjib parzjali fil-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2017 kien li d-differenza bejn il-prezz tal-azzar u l-kost tal-materja prima kienet ogħla milli fi kwalunkwe waħda mis-snin preċedenti tal-perjodu analizzat. Madankollu, analiżi dettaljata ulterjuri tal-aktar żviluppi reċenti qabel l-impożizzjoni ta' miżura definittiva wriet li x-xejra kienet qed titreġġa' lura u li d-differenza pożittiva bejn it-tnejn kienet qed tonqos progressivament, u għalhekk dan kien ikollu impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(61) Kif muri fil-grafika 4 ta' hawn taħt ([82]), il-prezzijiet tal-azzar fl-Unjoni raw tnaqqis kostanti fit-tieni nofs tal-2018. Din ix-xejra tista' tkun mistennija li tkompli fid-dawl tal-prospetti inċerti tas-suq (ara t-Taqsima 1.2.6) u b'riżultat tal-pressjoni kontinwa u dejjem tiżdied tal-importazzjoni f'termini ta' volumi u prezzijiet, li fid-dawl ta' kundizzjonijiet tas-suq li sejrin għall-agħar jew inċerti, x'aktarx ikollhom effett 'l isfel fuq il-prezzijiet, u b'hekk ma jippermettux lill-industrija tal-Unjoni tadatta l-prezzijiet tagħha għall-kostijiet miżjuda. Fil-grafika 5 ([83]), ġie osservat kif il-prezz ta' xi materja prima ewlenija tal-produzzjoni tal-azzar kien qed jiżdied b'mod kostanti matul l-istess perjodu.

([78]) Sors: għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti (GTA); għall-importazzjonijiet tal-UE (Eurostat).


([79]) Is-suq tal-azzar tal-Istati Uniti kien fost l-aqwa destinazzjonijiet għall-importazzjoni skont id-daqs - Ara l-OECD, *Recent Developments in Steel Trade and Trade Policy Measures*, DSTI/SC(2018)3, p. 9, tabella 3.


([80]) Ara l-premessa (35) tar-Regolament Proviżorju: "L-Istati Uniti kkalkolaw li l-impożizzjoni ta' tariffa waħda fuq il-prodotti kollha skont il-miżuri tat-Taqsima 232 bi kwaži ebda esklużjoni ta' pajjiżi għandha tnaqqas l-importazzjonijiet bi kwaži 13-il miljun tunnellata – li jikkorrispondu għal 7 % tal-konsum tal-Unjoni."

([81]) Ara l-Premessa (89) tar-Regolament Definittiv.

([82]) Sors: Eurostat għall-prezzijiet tal-importazzjoni u S&P Global Commodity Insights għall-prezzijiet ta' galvanizzar f'banju sħun (HDG) u kojl illaminat bis-sħana (HRC).

([83]) Sors: S&P Global Commodity Insights.


Graph 4: Hot-Dip Galvanised (HDG), Hot-Rolled Coils (HRC) and import prices in second half 2018
EUR/tonne
800,0
750,0
700,0
650,0
600,0
550,0
500,0
450,0
JUL
AUG
SEP
OCT
NOV
DEC
Import price
HDG price
HRC price


Graph 5: Iron ore and coal prices in EUR in second half 2018
Coal price in EUR
210,0
200,0
190,0
180,0
170,0
160,0
150,0
Iron ore price in EUR
61,0
60,0
59,0
58,0
57,0
56,0
55,0
54,0
53,0
52,0
51,0
50,0
JUL
AUG
SEP
OCT
NOV
DEC
Coal price
Iron ore price

(62) Għalhekk, xejriet ikkombinati bħal dawn, li għalihom ma kien hemm l-ebda sinjal ta' treġġigħ lura fil-futur qarib, ipoġġu lill-industrija tal-Unjoni f'sitwazzjoni finanzjarja saħansitra aktar diffiċli.

(63) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li f'xenarju probabbli ta' pressjoni ulterjuri tal-importazzjoni u f'suq li ma kellu l-ebda tkabbir sinifikanti, ix-xejriet tat-twaqqigħ tal-prezzijiet domestiċi identifikati fl-investigazzjoni oriġinali se jkomplu jaggravaw. B'hekk jinħolqu diffikultajiet addizzjonali għall-produtturi tal-Unjoni li jiffaċċjaw id-deċiżjoni li jew jikkompetu għas-sehem mis-suq, askapitu ta' prezzijiet aktar sostenibbli, jew li jippreżervaw livell ogħla ta' prezzijiet askapitu li jkomplu jitilfu s-sehem mis-suq. Fiż-żewġ xenarji, il-prestazzjoni finanzjarja tagħha tkun affettwata b'mod negattiv.

(64) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li din l-evoluzzjoni fil-prezzijiet ikkoinċidiet mal-perjodu meta diġà kienet stabbilita miżura ta' salvagwardja provviżorja (minn nofs Lulju 2018). Għalhekk, dan juri li l-pajjiżi esportaturi kellhom imġiba ta' importazzjoni saħansitra aktar aggressiva skont il-miżura, u wrew l-interess kontinwu tagħhom li jidħlu fis-suq tal-Unjoni f'volumi kbar minkejja li hemm stabbilita miżura ta' salvagwardja provviżorja.

1.2.5. *Sitwazzjoni attwali tal-miżuri tat-TDI f'pajjiżi terzi u kapaċità żejda*

(65) Fit-Taqsimiet 1.1.1 u 1.1.2, il-Kummissjoni spjegat l-evoluzzjoni u s-sitwazzjoni aktar reċenti tal-kapaċità żejda u l-miżuri tat-TDI f'pajjiżi terzi. Fid-dawl ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni qieset li kien improbabbli ħafna li jkun hemm treġġigħ lura tas-sitwazzjoni eżistenti fil-futur qarib. Pereżempju, il-miżuri tat-TDI normalment jiġu imposti għal perjodu ta' ħames snin, u jistgħu jiġu estiżi ulterjorment. B'mod partikolari, minħabba li ħafna mill-miżuri kienu ġew imposti fi żmien ftit snin qabel l-adozzjoni tal-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tal-UE ([84]), dawn kienu mistennija li jibqgħu stabbiliti tal-inqas għall-futur immedjat. Fir-rigward tal-kapaċità żejda, ir-rapporti msemmija mill-Kummissjoni ma indikawx li kien hemm sinjali li l-kapaċità żejda kienet se tonqos b'mod sinifikanti, jekk xejn, huma ssuġġerew li s-sitwazzjoni tal-kapaċità żejda globali fis-settur tista' tkompli tmur aktar għall-agħar ([85]). Fil-fatt, il-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar kien ċar ħafna wkoll fil-konklużjoni li l-kapaċità żejda kompliet tkun problema li għadha hemm lejn l-aħħar tal-2018. Dan innota, "Il-kapaċità eċċessiva tal-produzzjoni tal-azzar – sfida globali li tkompli xxekkel is-settur – toħloq diffikultajiet sinifikanti għall-produtturi tal-azzar f'ekonomiji avvanzati, emerġenti u li qed jiżviluppaw bl-istess mod" ([86]).

(66) L-effetti murija li dawn il-fatturi kienu kkawżaw fis-suq tal-Unjoni fil-forma ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet kienu spjegati fid-dettall fit-Taqsima 1.1 ta' hawn fuq, kif ukoll fir-Regolament Definittiv. Peress li kienu mistennija li jibqgħu stabbiliti fil-futur qarib, l-effetti tagħhom kienu għalhekk mistennija li jkunu tal-istess natura u għalhekk, flimkien mal-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti jiġġeneraw żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet fl-Unjoni, bl-effetti negattivi li jirriżultaw fuq l-industrija tal-Unjoni, jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda miżura ta' salvagwardja.

(67) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-elementi se jkompli jkollhom rwol importanti fis-suq tal-azzar tal-Unjoni fil-futur qarib u għalhekk kienu pertinenti għall-analiżi ta' theddida ta' dannu serju.

1.2.6. *Prospettivi u previżjonijiet tas-suq*

(68) Matul il-perjodu analizzat kollu, il-konsum tal-azzar fis-suq tal-Unjoni żdied minn sena għal sena ([87]). Din ix-xejra ppermettiet lill-industrija tal-Unjoni, b'mod ġenerali, li żżid ukoll il-volum tal-bejgħ tagħha, u dan ippermettielha ttaffi, sa ċertu punt, l-effetti tal-pressjoni tal-importazzjoni li kienet soġġetta għaliha u murija mit-twaqqigħ persistenti tal-prezz u mit-telf kostanti tas-sehem mis-suq. Kif spjegat fit-Taqsima 1.2.1, fl-2017 din iż-żieda fil-

([84]) Madwar 140 mill-investigazzjonijiet li wasslu għall-adozzjoni ta' miżuri nbdew fis-sena 2015 jew aktar tard, u għalhekk id-durata tagħhom kienet mistennija li tkun implimentata, fil-prinċipju, mill-inqas sal-2021 (dan huwa, mill-inqas sentejn wara l-konklużjoni tal-investigazzjoni ta' salvagwardja tal-UE). Sors: WTO, Integrated Trade Intelligence Portal (I-TIP).

([85]) Ara l-OECD, "Recent Developments in Steelmaking Capacity", DSTI/SC(2018)2/FINAL: "l-informazzjoni aġġornata dwar proġetti ta' investiment imħabbra tissuġġerixxi li bħalissa għaddejjin kważi 52 miljun tunnellata ta' żidiet ta' kapaċità grossa u dawn jistgħu jiġu introdotti matul il-perjodu ta' tliet snin bejn l-2018 u l-2020. Bħalissa jinsabu fl-istadji ta' ppjanar 39 miljun tunnellata addizzjonali ta' żidiet fil-kapaċità għal bidu possibbli matul l-istess perjodu ta' żmien".

([86]) Il-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar, Rapport Ministerjali, l-20.9.2018, paragrafu 2.

([87]) Regolament Definittiv, it-Tabella 4.

bejgħ f'kuntest ta' rkupru fil-prezzijiet (kemm f'termini ġenerali kif ukoll meta mqabbla mal-evoluzzjoni tal-kostijiet) ippermettiet lill-industrija tal-Unjoni tirkupra parzjalment minn prestazzjoni finanzjarja negattiva konsistenti fis-snin preċedenti. Fit-Taqsima 1.2.4, il-Kummissjoni osservat xejra 'l isfel fil-prezzijiet tal-azzar fl-Unjoni b'mod parallel ma' żieda fil-prezzijiet tal-materja prima.

(69) Imbagħad, il-Kummissjoni vvalutat il-prospettivi u l-previżjonijiet ekonomiċi għall-perjodu li jsegwi l-konklużjoni tal-investigazzjoni sabiex tivvaluta l-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju, filwaqt li analizzat varjetà ta' sorsi speċjalizzati tas-suq.

(70) F'dan ir-rigward, is-sorsi indikaw b'mod konsistenti xenarju ta' inċertezza u tnaqqis tad-domanda tal-azzar madwar id-dinja fil-futur qarib. Worldsteel Association innotat, "id-deċellerazzjoni fid-domanda tal-azzar se tkompli fl-2019 (…). Ebda ftehim fuq Brexit u gwerra kummerċjali joħolqu riskji" ([88]). Din fakkret ukoll, "Filwaqt li s-saħħa tal-irkupru tad-domanda tal-azzar li ġiet osservata fl-2017 ġiet trasferita għall-2018, ir-riskji żdiedu. It-tensjonijiet kummerċjali dejjem jiżdiedu u l-movimenti volatili tal-muniti qed iżidu l-inċertezza" ([89]).

(71) L-OECD innotat "l-irkupru (tal-kundizzjonijiet tas-suq tal-azzar) jidher fraġli minħabba żbilanċi strutturali persistenti" ([90]). Sorsi oħrajn tas-suq bħal S&P Global Platts tennew dan is-sentiment ta' inċertezza fil-Prospettiva tas-Suq Globali tagħha ta' Diċembru 2018.

(72) Barra minn hekk, il-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar ikkonkluda f'Settembru 2018 "Filwaqt li l-kundizzjonijiet tas-suq tal-azzar urew xi rkupru ekonomiku fl-2017, ix-xejra sottostanti fid-domanda globali għall-azzar għadha dgħajfa u l-kapaċità eċċessiva għadha sinifikanti ([91])."

(73) Bl-istess mod, l-Eurofer (Assoċjazzjoni tal-Azzar tal-UE), innotat "(…) frizzjonijiet kummerċjali kontinwi mal-Istati Uniti, u tnaqqis tad-domanda globali, jissuġġerixxu li r-riskji esterni jistgħu jkomplu jiżdiedu, u dan iżid l-inċertezza u jwassal għal prospetti li qed jiddgħajfu għall-utenti tal-UE tal-azzar" ([92]).

(74) Għalhekk, id-*data* analizzata minn varjetà ta' sorsi wriet b'mod konsistenti li l-aspettattiva kienet li, fl-aħjar każ, isseħħ żieda żgħira fil-konsum tal-azzar għalkemm dan lanqas biss kien ċert minħabba li l-prospetti kienu qed imorru għall-agħar fost inċertezza dejjem tikber. Bħala riżultat, id-domanda globali staġnata għall-azzar tagħmilha saħansitra aktar probabbli li l-esportaturi tal-azzar ibigħu fis-suq attraenti tal-Unjoni.

Konklużjoni dwar it-theddida ta' dannu serju

(75) Id-*data* analizzata f'din it-Taqsima kkonfermat li l-importazzjonijiet x'aktarx li se jiżdiedu fil-volumi rilevanti u li għalhekk il-pressjoni tal-importazzjoni kienet se tkompli, kemm fuq il-volumi kif ukoll fuq il-prezzijiet, bħala riżultat tal-kapaċità żejda persistenti u ż-żieda fl-għadd ta' miżuri tat-TDI f'pajjiżi terzi, li l-effetti tagħhom fuq l-esportazzjonijiet jibqgħu hemm. Barra minn hekk, l-effetti tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti x'aktarx jinħassu b'mod aktar qawwi hekk kif jgħaddu x-xhur, u b'hekk tiżdied aktar pressjoni fuq is-suq tal-Unjoni permezz ta' riskju akbar ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, li l-ewwel sinjali ta' dan kienu diġà mmaterjalizzaw.

(76) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni kkonfermat ukoll ix-xejriet opposti tal-prezzijiet tal-azzar u tal-materja prima fit-tieni nofs tal-2018, u l-prospettiva inċerta tas-suq għall-futur qarib.

(77) Għaldaqstant, fid-dawl tal-elementi analizzati f'dan l-Anness, flimkien mas-sejbiet fl-eżami oriġinali, il-Kummissjoni kkonfermat li kien hemm theddida ta' dannu serju u li dan id-dannu serju kien jimmaterjalizza li kieku l-Kummissjoni ma imponietx miżura ta' salvagwardja definittiva.

([88]) Ara Worldsteel Association – Global Steel Market Outlook – Laqgħa tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD, is-17 ta' Settembru 2018.

([89]) Ara Worldsteel Association - Worldsteel Short Range Outlook October 2018, Stqarrija għall-Istampa.

([90]) Ara l-Iżviluppi tas-Suq tal-Azzar tal-OECD, il-85 Sessjoni tal-Kumitat tal-Azzar, Settembru 2018. Ara wkoll paġni 7 u 8 tal-Prospettiva Ekonomika Globali tal-OECD, is-17 ta' Settembru 2018, li turi reviżjoni 'l isfel tal-aspettattivi tat-tkabbir (anke fl-Unjoni), u li "l-kummerċ globali naqas fost l-inċertezzi tal-politika kummerċjali li qed jikbru".

([91]) Il-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar, Rapport Ministerjali, l-20.9.2018, paragrafu 2.

([92]) Ara l-EUROFER – Economic and Steel Market Outlook 2018-2019, il-25 ta' Ottubru 2018.

1.3. **Obbligi li l-effett tagħhom irriżulta fiż-żieda fl-importazzjonijiet**

(78) L-Artikolu XIX:1(a) tal-GATT 1994 jistipula, fil-parti rilevanti: "jekk, b'riżultat … tal-effett tal-obbligi mġarrba minn [Membru] skont dan il-Ftehim, inklużi l-konċessjonijiet tariffarji, kwalunkwe prodott ikun qed jiġi importat fit-territorju ta' dak [il-Membru] fi kwantitajiet akbar bħal dawn …".

(79) Il-*prodott* inkwistjoni jinkludi diversi linji tariffarji ([93]).

(80) F'dawn il-linji tariffarji kollha, l-Unjoni Ewropea għandha, b'riżultat tal-konċessjonijiet tariffarji li saru f'sessjonijiet preċedenti ta' negozjati kummerċjali multilaterali, l-impenji tariffarji li ġejjin ([94]):

— 0 % *ad valorem*

(81) Dawn il-konċessjonijiet inkitbu, fiż-żmien tad-determinazzjoni tas-salvagwardja, fil-Parti I, it-Taqsima II tal-Iskeda ta' Konċessjonijiet u Impenji tal-Unjoni Ewropea, iċċertifikata bħala Skeda UE CLXXIII – Unjoni Ewropea fl-1 ta' Diċembru 2016 ([95]), kif emendata. Fir-rigward tal-linji tariffarji ta' hawn il-kolonna għal "dazji u imposti oħrajn" f'dik l-Iskeda kienet vojta.

(82) B'riżultat ta' dawn il-konċessjonijiet miktuba fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet u Impenji tal-Unjoni Ewropea, annessi mal-GATT u inkorporati skont l-Artikolu II:7 tal-GATT 1994, l-Unjoni Ewropea, fiż-żmien tad-determinazzjoni tas-salvagwardja, kellha *obbligi mġarrba fl-ambitu tal-GATT 1994* b'mod partikolari kif ġej: l-Artikolu XI:1, li jipprojbixxi restrizzjonijiet mhux tariffarji fuq l-importazzjoni tal-prodotti elenkati hawn fuq, u, b'mod importanti, l-Artikolu II:1(a) u l-Artikolu II:1(b), l-ewwel u t-tieni sentenza, tal-GATT 1994. Skont l-Artikolu II:1(b), l-ewwel sentenza, l-UE ma hijiex permessa, fin-nuqqas ta' eċċezzjoni applikabbli, li timponi dazji doganali ordinarji fuq il-prodott inkwistjoni li jaqbżu dawk stabbiliti u previsti fil-parti rilevanti tal-Iskeda ta' Konċessjonijiet u Impenji tal-UE, jiġifieri r-rata tat-taxxa żero indikata hawn fuq għal kull waħda mil-linji tariffarji koperti. Fiż-żmien tad-determinazzjoni oriġinali tal-miżuri ta' salvagwardja kif ukoll ta' impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja definittiva, fl-UE kienet tapplika tariffa tal-importazzjoni ta' 0 % fuq il-prodott kopert mis-salvagwardja. Fi kliem ieħor, għal dazji doganali ordinarji, dawn it-tariffi applikati kienu diġà l-massimu permess skont l-Artikolu II:1(a) u l-Artikolu II:1(b), l-ewwel sentenza, tal-GATT 1994. Fir-rigward ta' dazji jew imposti oħrajn, ma kienet teżisti l-ebda flessibbiltà skont it-tieni sentenza tal-Artikolu II:1(b), għall-introduzzjoni ta' dazji jew imposti addizzjonali minbarra d-dazji doganali ordinarji.

(83) Il-prodott soġġett għas-salvagwardja kien qed jiġi importat fi kwantitajiet akbar (kif stabbilit fis-salvagwardja definittiva) *bħala riżultat* tal-obbligi ta' hawn fuq imwettqa skont il-GATT 1994 (l-Artikolu XI:1, l-Artikolu II:1(a) u II:1(b), l-ewwel u t-tieni sentenzi, tal-GATT 1994), minħabba li dawk l-obbligi, flimkien mal-konċessjonijiet tariffarji li l-Unjoni Ewropea għamlet fiċ-ċikli suċċessivi ta' negozjati kummerċjali multilaterali, tejbu u żguraw il-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq għall-importazzjonijiet tal-prodott soġġett għas-salvagwardja fis-suq tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, l-impenji tariffarji tal-Unjoni Ewropea msemmija hawn fuq irriżultaw fiż-żieda fl-importazzjonijiet u ma taw l-ebda flessibbiltà lill-UE biex iżżid id-dazji doganali ordinarji minflok ma tintroduċi miżura ta' salvagwardja. Dan jispjega fl-istess ħin kif l-obbligi inkwistjoni rriżultaw fiż-żieda fl-importazzjonijiet li heddew li jikkawżaw dannu serju.

(84) L-obbligi tal-GATT speċifikati fl-istess ħin żammew lill-UE milli żżid id-dazji tal-importazzjoni applikati fuq il-prodott inkwistjoni. Għalhekk, dawn kienu l-"obbligi tal-GATT 1994" tal-Unjoni Ewropea "[li] [illimitaw] il-kapaċità tagħha li tipprevjeni jew tirrimedja d-dannu minn żieda fl-importazzjonijiet". Fl-istess ħin, l-Unjoni Ewropea "tissospendi [issospendiet] lil dawk l-obbligi bħala riżultat" tal-miżura ta' salvagwardja tagħha."

([93]) Ara l-Anness I tar-Regolament Definittiv.
([94]) Għal aktar dettalji ara n-Nota mal-fajl bid-data 30 ta' Novembru 2022 it-Tabella 5.
([95]) Dokument tad-WTO WT/Let/1220.